**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Slovakka

*Konvenuta:* Achmea BV

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 344 TFUE jipprekludi l-applikazzjoni ta' klawżola ta' ftehim bilaterali ta' investiment bejn Stati Membri tal-Unjoni (dak li għandu jissejjaħ "TBI intern għall-Unjoni"), li tipprevedi li investitur ta' Stat kontraenti jista', fil-każ ta' tilwima dwar investimenti fl-Istat kontraenti l-ieħor, jibda proċedura kontra dan l-Istat tal-aħħar quddiem tribunal tal-arbitraġġ, meta l-imsemmi ftehim ġie konkluż qabel l-adeżjoni ta' wieħed mill-Istati kontraenti mal-Unjoni Ewropea, iżda meta l-proċedura ta' arbitraġġ ser tinbeda biss wara din id-data?

   Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

2) L-Artikolu 267 TFUE jostakola l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjoni?

   Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel u għat-tieni domanda:

3) Fil-kundizzjonijiet deskritti fl-ewwel domanda, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE jostakola l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjoni?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fit-23 ta' Mejju 2016 – SC Exmitiani SRL vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj**

**(Kawża C-286/16)**

(2016/C 296/26)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SC Exmitiani SRL

*Konvenut:* Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj

**Domandi preliminari**

1) F'sitwazzjoni bħal dik tal-kawża prinċipali, fejn l-att amministrattiv kontenzjuż ġie adottat qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, filwaqt li d-deċiżjoni tal-awtorità fiskali fuq l-ilment kontra dan l-att ittieħdet wara l-adeżjoni, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali jeħtieġ li l-liġi nazzjonali tiġi interpretata fid-dawl tad-direttiva Ewropea applikabbli dwar il-VAT ([1])?

2) Fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, il-prinċipju ta' ċertezza legali għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi prassi tal-awtorità fiskali, li, abbażi tal-istess fatti, tislet konklużjonijiet differenti minn dawk tal-awtoritajiet responsabbli għall-proċeduri kriminali, fir-rigward tal-eżenzjoni mill-VAT ta' servizzi direttament relatati għat-trasport internazzjonali ta' persuni?

3) Il-prinċipju ta’ kooperazzjoni leali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regoli nazzjonali li bihom motivi bbażati fuq id-dritt Ewropew li ma tqajmux f’ilment amministrattiv ma jistgħux jiġu invokati fl-istadju tal-proċeduri ġudizzjarji?

---

(1) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta’ Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 347, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia (il-Polonja) fil-25 ta’ Mejju 2016 – Proċeduri kriminali kontra J.Z.**

**(Kawża C-294/16)**

(2016/C 296/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia

**Parti fil-kawża prinċipali**

J.Z.

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill, tat-13 ta’ Ġunju 2002, dwar il-mandat ta’ arrest Ewropew u l-proċeduri ta’ konsenja bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI) (1) flimkien mal-Artikolu 6(1) u (3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kelma “detenzjoni” tinkludi wkoll miżuri mill-Istat ta’ eżekuzzjoni tal-mandat, li jikkonsistu f’sorveljanza elettronika tar-residenza tal-persuna li fir-rigward tagħha japplika l-mandat, flimkien ma’ detenzjoni domiċiljari?

---

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34; Rettifika tal-verżjoni Maltija, ĠU L 017, 22.1.2009, p. 45.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (L-Ungerija) fit-2 ta’ Ġunju 2016 – József Lingurár vs Miniszterelnökséget vezető miniszter**

**(Kawża C-315/16)**

(2016/C 296/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Kúria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* József Lingurár

*Konvenut:* Miniszterelnökséget vezető miniszter

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 42(1) tar-Regolament Nru 1698/2005/KE (1) (iktar ’il quddiem ir-“Regolament Nru 1698/2005”), b’teħid inkunsiderazzjoni wkoll tal-Artikolu 46 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni ma teskludix totalment lill-individwi mill-qafas tal-appoġġ intiż għall-użu sostenibbli ta’ żoni ta’ foresti meta ż-żona hija parzjalment il-proprjetà tal-Istat?